MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Numru 21/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Murad G.M. Erhuma**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 21 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Murad G.M. Erhuma, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'Settembru tas- sena elfejn u erbgha (2004), u fil-gimghat ta' qabel, l-akkuzat Murad G. M. Erhuma ddecieda illi jibda jmexxi w jittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*. Erhuma ftiehem ma' persuni ohra li jigi lejn Malta minn Tripli b'din ir-raza. Biex jiehu l-prekawzjonijiet kollha sabiex ma jinqabadx, Erhuma kellu jghaddi din id-droga lil persuna ohra, certu Magdi Ayad Bin Elkayal f'ajruport ta' Tripli, jirkeb l-istess ajruplan lejn Malta ma' dan Elkayal u, kif jaslu fil-lukanda hawn Malta, jerga' jiehu l-pussess ta' din ir-raza. L-akkuzat imbaghad kellu jhallas lil Elkayal is-

somma ta' seba' mitt dollaru ghas-servizzi tieghu. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fis-17 ta' Settembru ta' dik is-sena, l- akkuzat gie lejn Malta minn Tripli fuq it-titjira KM697 ta' l-AirMalta flimkien ma' Magdi Ayad Bin Elkayal li kellu ir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* mohbija fuqu. Fortunatament, ftit wara li wasslu Malta, ufficjali tad-Dwana stazzjonati fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta waqqfu lil Elkayal u, waqt search kondott fuq il-persuna tieghu u fuq hwejjgu, instabu seba' mija u erbghin (740) gramma tar-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*, liema droga tiswa cirka elfejn lira Maltin (LM 2,000). Sadanittant Elkayal informa lill-ufficjali tad-Dwana li huwa kien qed igorr din ir-raza ghan-nom ta' l-akkuzat u dawn l-ufficjali, bl- assistenza tal-Pulizija, marru jfittxu lil Murad G. M. Erhuma li kien hareg ftit qabel Elkayal. L-akkuzat Erhuma gie mwaqqaf fl-Arrivals Lounge ta' l-ajruport u gie arrestat.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Murad G. M. Erhuma sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem imsemmi, akkuza lill-imsemmi Murad G. M. Erhuma talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull

flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f'Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), u fil-gimghat ta' qabel, l-akkuzat Murad G. M. Erhuma ddecieda illi jimporta r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* gewwa Malta. Biex jiehu l-prekawzjonijiet kollha sabiex ma jinqabadx, Erhuma kellu jghaddi din id-droga lil persuna ohra, certu Magdi Ayad Bin Elkayal f'ajruport ta' Tripli, jirkeb l-istess ajruplan lejn Malta ma' dan Elkayal u, kif jaslu fil-lukanda hawn Malta, jerga' jiehu l-pussess ta' din ir-raza. L-akkuzat imbaghad kellu jhallas lil Elkayal is-somma ta' seba' mitt dollaru ghas-servizzi tieghu. Fil-fatt, fis-17 ta' Settembru ta' dik is-sena, l-akkuzat gie lejn Malta minn Tripli fuq it-titjira KM697 ta' l-AirMalta flimkien ma' Magdi Ayad Bin Elkayal li kellu ir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* mohbija fuqu. Fortunatament, ftit wara li wasslu Malta, ufficjali tad-Dwana stazzjonati fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta waqqfu lil Elkayal u, waqt search kondott fuq il-persuna tieghu w fuq hwejjgu, nstabu seba' mija w erbghin (740) gramma tar-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*, liema droga tiswa cirka elfejn lira Maltin (LM 2,000). Sadanittant Elkayal informa lill-ufficjali tad-Dwana li huwa kien qed jgorr din ir-raza ghan-nom ta' l-akkuzat u dawn l-ufficjali, bl-assistenza tal-Pulizija, marru jfittxu lil Murad G. M. Erhuma li kien hareg ftit qabel Elkayal. L-akkuzat Erhuma gie mwaqqaf fl-Arrivals Lounge ta' l-ajruport u gie arrestat.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Murad G. M. Erhuma sar hati talli importa jew gab Malta, jew esporta minnha, raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Murad G. M. Erhuma talli importa jew gab Malta, jew esporta minnha, raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 7, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi f'Dicembru tas- sena elfejn u tlieta (2003), u fil-gimghat ta' qabel, l-akkuzat Murad G. M. Erhuma ddecieda illi jibda jmexxi w jittraffika fid-droga herojina. Erhuma ftiehem ma' persuni ohra li jibghat persuna lejn Malta minn Tripli b'din id-droga. Il-persuna li kellha tintbaghat Malta bid-droga kienet certa Omar Mohamed Mehemud Erayani li kellu jithallas is- somma ta' tlett-elef dinari ghas-servizzi tieghu. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fit-18 ta' Dicembru ta' dik is-sena, Erayani gie Malta minn Tripli bl-ajru bl-herojina mohbija fuqu. Fortunatament, ftit wara li wasal Malta, ufficjali tad-Dwana stazzjonati fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta waqqfu lil Erayani w, waqt search kondott fuq il-persuna tieghu u fuq hwejjgu, nstabu xi tmienja w tletin (38) gramma tad-droga herojina, liema droga tiswa cirka tlett-elef lira Maltin (LM 3,000).

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Murad G. M. Erhuma sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem imsemmi, akkuza lill-imsemmi Murad G. M. Erhuma talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra, sabu lill-akkuzat mhux hati skond l-ewwel, u t-tieni, kap tal-Att tal-Akkuza w b'sitt (6) voti favur u tlett (3) voti kontra sabu lill-akkuzat hati tat-tielet kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Murad G.M. Erhuma, hati:

talli f'Dicembru 2003 u fil-gimghat ta' qabel, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni skond it-tielet kap tal-Att tal- Akkuza.

Tiddikjara wkoll lil Murad G.M. Erhuma mhux hati

tal-ewwel u tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza w minnhom tilliberah.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni w id-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti.

L-abbli difensur Dr. Joseph Mifsud issottometta li :-

L-hati kellu ragun jikkontesta l-Att tal-Akkuza ghax fil-fatt instab hati taht it-tielet kap biss.
Li l-verdett ta' htija fuq it-tielet kap kien dak minimu permess mill-ligi.
Li l-ammont ta' droga involut kien biss ta' 38.095 gramma eroina li l-purita' tieghu kienet ta' 40%.
Li skond ix-xhud Erayani ma jidhirx li l-hati kien il-*"master mind"* ta' din l-assocjazzjoni ghaliex l-iktar li semma' kien lil Fausi w lil Muammar.
Li qabel dan ir-reat il-hati qatt ma kien kiser difrejh mall-ligi hawn Malta w li kien biss wara li gie mizmum il-habs li minhabba d-disperazzjoni kien harab mill-habs, pero' ta' dan ir-reat kien diga' hallas b'terminu ta' prigunerija.

L-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara invece ssottometta li :-

Dina kienet assocjazzjoni biex tingab id-droga Malta w kulhadd jaf xi hsara kienet qed taghmel id-droga fis-socjeta' Maltija.
Illi l-valur tad-droga ma kienx wiehed zghir ghaliex skond l-espert Spizjar Mifsud kien ta' LM 1,142.85c.
Li fil-kaz t'assocjazzjoni kulhadd ikollu r-responsabilita' ghal dak li jkun qed isir, u dan ir-reat hu wiehed gravi.

Il-hati gie misjub hati li harab mill-habs sia' pure wara l-kommissjoni ta' dan ir-reat.

Ikkonsidrat

Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap.101, meta l- Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elfejn, tlitt mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (Eur.2329.37c), ekwivalenti ghall-elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf, erba mija u tminja w sittin Ewro u seba w sittin centezmu (Eur.116,468.67c), ekwivalenti ghal hamsin elf lira.

Qieset ukoll il-kondotta tal-hati kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi;

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u relativita' fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat, in kwantu l-kwantita' w purita' tad-droga, ir-recidivita' o meno, il-fedina penali, meta ma jkunx hemm ammissjoni bikrija, w b' mod specjali meta ikun jew ma jkunx applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101, kif inhu f' dal-kaz u dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita' f'sentenzi li jirrigwardaw din il-materja.

F'dan il-kaz il-Qorti qieset b'mod partikolari l-piena erogata fil-konfront tax-xhud tal-prosekuzzjoni Omar Erayani ghall-importazzjoni tal-istess partita eroina b'dana pero' li dan ibbenefika mill-fatt li ghamel ammissjoni bikrija w kien applikabbli fil-kaz tieghu l-artikolu 29 tal-Kap 101 u

ghalhekk il-piena li tmiss lill-hati trid bil-fors tkun oghla minn dik erogata fil-kaz ta' Erayani.

Ghaldaqstant, wara li qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1),12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb), (3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Artikoli, 23, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Murad G. M. Erhuma ghall-piena ta' tmin (8) snin prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta' tmintax il-elf Ewro (Euro.18,000) u, jekk din il-multa ma tithallasx minnufieh, tigi awtomatikament konvertita fi' tnax (12) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' elf, mitejn u tnejn u sittin Ewro u erba' w ghoxrin centezmi (€ 1262.24), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------